// IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**109.** **1 ta' OTTUBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jintbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

**It-tiratura ta' dana in-numru tlaħħak it-3,000**

# IL COMMISSJONI

Il Maltin collha cħemm huma u l-actar ta'l ħalib ma għandhom jinseŭ katt il gid bla tarf li kiegħed jagħmlilhom fl-Inghilterra il għaref Dr: Hadwen fuk il qŭestjoni ta'l mogħoż billi kiegħed bla ħeda jicteb u jitħabat biex jekred ix-xniha cherha li xerrdet is-Sanità tagħna li id-deni gejj m'il ħalib ta'l mogħża u b'hecc għoddha inkerdet ŭaħda m'il aħjar industriji li għandna. Id-Dr: Hadwen hu il President ta' Xirca famusa li saret biex tiddefendi l-annimali m'il moħkrija ta'l bniedem u f'dina ix-Xirka famusa hemm imdaħħlin bosta Membri ta'l Parlament Ingliż u li għalhecc huma ħbieb ħafna ta'd-Dr: Hadwen u li jagħmlu cull ma jistgħu biex ijgħinuh f'il fehmiet sbiħ tiegħu. Fost daŭna il Membri ta'l Parlament hemm il ħabriechi H. G. Chancellor li meta talbu id-Dr: Hadwen ressak dan l-aħħar it-talba f'il Parlament Ingliż biex tarġa issir Commissjoni biex tistudja seŭŭa m'il ġdid l-affari ta'd-deni ta'l mogħża billi dac li għamlet u kalet l-eŭŭel Cummissjoni ma chienx b'iż-żejjed biex jiddecidi qŭestjoni ta' importanza cbira bħal din.

Il Ministru b'il fomm ta'l Curunell Seely ŭiegeb għal mistoksijiet li għamillu f'il Parlament is-Sur Chancellor M.P. u ŭiegħdu li għandu jŭakkaf Commissjoni oħra biex tistudja CHIF JITTIEHED ID-DENI M'IL MOGHŻA SCOND IX-XEŬKA TA'L CUNSILIERI TAGHNA.

Id-Dr: Hadwen u is-Sur Chancellor. M.P. bakgħu b'halkhom miftuħ meta semgħu dana igifieri li il Cunsilieri tagħna AMMETTEŬ ma'l Ministru li id-deni hu gejj M'IL MOGHŻA u li huma biss xtaku jafu CHIF IJGHADDI MINNHA GHAL BNIEDEM u għalhecc id-Dr: Hadwen chiteb haŭn Malta lili u xi oħrajn biex jara x'inhi dina il basla, igifieri jecc kalx ħaġa b'oħra il Curunell Seely fuk il Cunsilieri tagħna f'il Parliament Ingliż jeŭ jecc hux tasseŭ li il Cunsilieri tagħna BLA MA JAF XEJN IL POPLU CHITBU MINN TAHT LILL MINISTRU U GHARRKU GHAL COLLOX DINA IL QŬESTJONI TANT IMPORTANTI GHALINA BILLI AMMETTEŬ LI ID-DENI HU TASSEŬ GEJJ M'IL MOGHŻA.

Il «Gazzetta di Malta» u xi gazzetti oħra dana ġa stakseŭh lill Cunsilieri tagħna u bosta oħrajn stakseŭhulhom b'il fomm iżda HUMA MA ŬIEĠBU KATT XEJN!

Dana jurina b'iċ-ċar LI GHANDHOM IL FAHAM MIBLUL għaliex chiecu ma chienux ijħailu lil Curunell Seely JIGDEB fukhom f'il Parlament Ingliż u huma jibkgħu bħal ħafna fniec ma jittiesfu XEJN.

Hemm bżonn li il poplu jiftaħ għajnejh seŭŭa fuk dina il biċċa biex jara jecc il Cunsilieri li talla hemm fuk humiex JILAGHBUNA BAXX BAXX MA'L MINISTRU bla ma jatuna l-ebda soddisfazjon.

Hemm bżonn li m'il actar fis il Cunsilieri jiddichiaraŭlna fuk il gazzetti jecc hux tasseŭ li kalu hecc lill Ministru jeŭ le; ħalli jecc ma hux hecc aħna inghiddbu lill Curunell Seely u ma inħalluhx f'il Parlament Ingliż ijżeffen isimhom biex jagħmlilna ħsara cbira fi qŭestjoni importanti bħal dina. Hemm bżonn ucoll nafu jecc kalux dana il cliem ħalli jatuna soddisfazjon tiegħu u ta'l għamil tagħhom. Tgħid kaluhulu is-Sur Cicc u is-Sur Mattei meta marru Londra passiġġata minn fuk spallejn il poplu? Tgħid kaluhulu is-Sur Cicc u is-Sur Cachia Zammit minn mindu daħlu fl-Esecuttiv?

Irridu nafuh IVA JEŬ LE. Il poplu GHANDU ID-DRITT LI JCUN JAFU GHALIEX JOKROS LILU. Mela nibda minnec Sur Cicc biex tibda tirrispondi ċar u tond fl-*Avvenire* tiegħec u jecc ma tagħmlux nibda minnec biex ingħidlec li inti **TRADITUR TA'L POPLU** u li kiegħed tmexmex int u sieħbec it-**300 LIRA BISS BIEX TILAGHBUNA MA'L MINISTRU.** Tŭiegeb??

# Iz-Zejt jitla f'uic'c' l-ilma.

Meta nakra xi ħaġa contra tiegħi jeŭ contra in-«Naħla» tiegħi f'il gazzetti b'il malti dejjem nitbissem nidħak għaliex nifhem li dac il ħafna ghideb, tnassis u tgħajjir ma hux ħlief ugiegħ-ta-żakk għaliex in-«Naħla» tcun kiegħda tati f'għajn l-egħdeŭŭa tiegħi u nispiċċa biex ingħid: «*Lascia pur grattar dov' è la rogna.*»

Iżda illum Ġusè Briffa, *ta' Calment* u Ġusè Borg, *ta' Briffa*, li huma il capurjuni ta'l bejjigħa ta'l ħalib talbuni biex nistampalhom daŭna l-erba chelmiet u jiena ma dehirlix li għandi ngħidilhom le billi nħoss li għandhom ħafna raġun għala jonfru. L-ittra tagħhom hi din:—

Ta'l Pietà, 23/9/10.

Sur Levanzin,

Da'l ġranet kraŭlna l-articolu li deher f'il «Malta Tagħna» u iddispjaciena ħafna meta fhimna li dina il gazzetta trid tisserva bina u iżżeffinna biex tara chif tattacca lilec u in-«Naħla» tiegħec li kiegħda tgħerfxilha in-nuħħala seŭŭa. Għamel ħazin li iffirma dac l-articolu b'il firma ta' *ŭieħed ta'l ħalib* għaliex l-ebda ŭieħed ta'l ħalib ma sata jgħid dac li hemm fl-articolu billi MA HUX MINNU. Anzi inti, ġranet kabel ma deher l-articolu ta'l «Malta Tagħna,» bgħatt għalina f'darec u fehimtna chif għandna nagħmlu biex incunu nistgħu ingibu l'id-Dr: Hadwen BLA MA NONFKU SOLD billi nitolbu li jcun maħtur bħala ŭieħed m'il Membri ta'l Commissjoni. Niddichiaraŭ ucoll li int katt ma għidtilna li hemm bżonn ta' mitejn lira biex ingibuh Malta u għalhecc jeŭ kala minn żniedu min chiteb l-articolu jeŭ min żeffnu bi ħŭejjeġ m'hux minnhom.

Aħna annom ta'l oħrajn sejjrin nitolbu l'id-Direttur ta'l «*Malta Tagħna*» żeŭġ ħŭejjeġ u jecc jagħmilhom ijcun ħafna u ħafna aħjar għalih. L-eŭŭelnett li jecc għandu xi għomma miegħec jeŭ contra il gazzetta tiegħec jaraha miegħec u int tal chif tŭiegħbu b'iż-żejjed bla ma jokgħod jisserva bina biex ijżeffinna taħt il mant li kiegħed jakbeż għalina. Mela jħallina bi qŭietna għaliex aħna ma għandniex bżonn ta'd-daŭl ta' stampatur li għax ċappas ŭiċċu b'il-linca ħaseb li sar ġurnalista gŭapp u jrid ijmixxi minn ŭidintu il pajjis. F'it-tieni loc nitolbuh jeŭ inŭiddbuh aħjar li ma jokgħodx jiżra bejnietna iż-żerrigħa ta'l ġlied bl'iscop li jfixchel lilna ħalli jagħmel ħsara lilec u lill gazzetta tiegħec, billi jokgħod jimla l-imħuħ ta' bosta minn'na b'ħafna ghideb u tnassis biex f'loc li jgħakkadna għalenija chif għandna bżonn actar jofrokna u jgħerfxna.

Jecc tasseŭ ijħobbna ma chienx ijmissu jgib cull gimgħa f'il gazzetta tiegħu dac l-avvis ta'l ħalib biex b'hecc ijmaxtar minn fuk l-egħdeŭŭa tagħna. Chien ijmissu jagħmel bħalec jicteb contra il ħalib ta'l bottijiet u il ħsara li jagħmel f'is-saħħa u lill pajjis. Chien ijmissu li meta int gibt f'in-«Naħla» l-articoli ta'd-Dr: Hadwen favur tagħna ma joħrogx jattaccac li kiegħed timla in-«Naħla» bl-ingliż. Chien ijmissu, fi ftit cliem, jagħmel bħalec li ilec minn żmien tŭil u kabel ma cont tafna takbeż għalina b'il gazzetta tiegħec. Iżda is-suppliment li stampajna tah geŭŭa billi ma stampajnihx għandu u illum billi ma sabx x'ijgħid kal li aħjar chiecu chien bl'-ingliż f'il ħin li meta gibt articoli bl-ingliż favur tagħna attaccac.

Mela nitolbuh li jimla ħalku bl-ilma u jciċċi qŭiet għaliex cullħadd jaf li cull ma jicteb contra tiegħec ma hux ħlief għomma ta' kalb u ugiegħ ta' żakk u lilna jagħmlilna pjacir li ma jsemminiex b'isimna biss, u għal-lum b'iż-żejjed. Jecc ijcompli, ingegħluh jiscot xort'oħra.

Nirringrazzjaŭc b'il kalb m'il favur li għamiltilna u ibka sgur li ta'l ħalib collha għandhom fiduċja sħiħa fic, u għodd-na dejjem bħala is-servi fidili tiegħec.

Gius: Briffa
Gius: Borg.

---

# F'il Krati Tagħna.

Fl-24 ta' Settembru, f'il Korti ta'l Imdina, kuddiem il Magistrat C. Mifsud inkatgħet il caŭsa ta'd-disturbju ta' Ħa'ż-Żebbuġ billi il fratelli ta's-Sagrament riedu jerfgħu f'il procesjoni il baldacchin huma bħal ma għandhom dritt. Iddefendeŭ il caŭsa l-Avucati Mercieca u Ganado u il P.L. Alfredu Zammit; iżda, għad li iddefendeŭhom tajjeb ħafna u m'il aħjar li setgħu, il Magistrat ma fehimhiex bħalhom u ŭaħħal lill ħatjin Roccu Zammit, Tom: Caruana, Gius: Abela, Fel: Agius, Gni: Sciortino, Plu: Sciortino, G. Mar: Sciortino, Fil: Briffa, Lor: Attard, Vzu: Galea, G. M. Vassallo, Carlu Cachia u Ġanni Sammut HAMES LIRI MULTA cull ŭieħed, igifieri l-ankas li sata jŭaħħalhom meta jiġu ġżati għal *attruppament* (meta actar minn għaxra minn nies jingemgħu flimchien biex jagħmlu xi delitt.) Rafel Xerri ŭeħel żeŭġ liri u nofs biss għaliex ma għalakx it-tmintax il sena.

Sejjrin jappellaŭ.

Il poplu għandu bżonn jiftaħ ftit għajnejh fuk dina il biċċa għaliex il Pulizija ta' cull ŭaħda kiegħda tugża fuk *attruppament* u iġgibha żeŭġ bħal ma għamlet f'Ta's-Sliema ucoll. Mela f'il festi il-liri iddevertuhom u la trejjkuhomx *multi* lill Gvern. Fhimtuni?

★

Salvu Cutajar ta'l Imsida xejjer b'is-sicchina lil ħuh u ħeddu li joktlu. Il Magistrat C. Mifsud ŭaħħlu żeŭġ liri u għaxar liri garanzija għal sitt xhur, billi chien imsaŭŭat minn ħuh.

★

Lil dac Carŭana ta'l Imsida li katel il martu Filomen billi ħanakha. il Mag: Parnis bagħtu il Manicomju biex jigi eżaminat m'it-Tobba Prof: Ullo Xuereb, Prof: C. Sammut u R. Toledo ħalli jaraŭ jecc hux miġnun jeŭ le, u għalhecc il caŭza giet iddifferita sa jatu il fehma tagħhom.

★

Ghejtu Ellul ŭeħel ħames liri talli minn kiegħ il Port rampel il faħam; u Marju Cuschieri u Ġużè Camilleri ŭeħlu 35 ġurnata ħabs cull ŭieħed, billi m'hux l-eŭŭel darba, talli ħadu xi kamħ il Marsa minn fuk il brachen ta's-Sur Torreggiani.

★

Il caŭsa ta'l bejjiegħa ta'l ħalib inkatgħet f'it-23 ta' Settembru u geŭ iccundannati tmintax irbigħi cull ŭieħed BISS u kalgħu ERBA XHUR żmien biex jagħmlu ix-xogħlijiet li ordnatilhom is-Sanità. Il Magistrat Parnis ŭera ruħu ħanin għaliex ra li dina il-ligi ma chellhiex titkankal ŭara seba snin li ma użaŭha katt u li fettlilhom ijkankluha issa meta id-deni għoddu spiċċa għal collox biex sejjrin joktlu ħafna familji b'il ġuħ billi m'hux ta'l ħalib collha jcunu jistgħu jħallsu l-ispejjes biex jagħmlu dac

li trid is-Sanità jeũ biex ijħallsu il penali ta' tmintax irbigħi cull jum chemm il darba ma jagħmluhomx. Il Magistrat Parnis f'is-sentenza kal bħal ma chien kal is-Sur Levanzin, defensur tagħhom, f'in-«Naħla» li ma setgħux jiġu iccundannati scond l-art: 79 ta't-Tielet Ligi Sanitarja, bħal ma chienu imħarrchin għaliex dana chien għal bakar biss u m'hux għal mogħoż. Iżda il Magistrat sab articolu ieħor f'Ligi Sanitarja oħra li ma chienx imsemmi f'it-taħrica u li sar xi ħames snin ũara l-eũũel Liġi u kal li għandu id-dritt li jiccundannahom fuku. Sar l-appell. Hemm bżonn li ta'l ħalib jibkgħu għalenija u li ma jaktgħux klubhom ma' l-eũũel żifta iżda li jcomplu jmxxu l-affari f'ras il għajn għaliex xi ħaġa għal gid ijseũũu sgur u joħorġu ta' irgiel li ma jħallux min jirfishom addoċċ.

★

Fl-istess ġurnata, kuddiem l-istess Magistrat Parnis, inkatgħet caũża importanti ħafna u li turi ċar b-liema miżien ijsir il ħakk m'il Cbarat ta' Malta. Żmien ilu f'Ta's-Sliema marad il ġuvni ta' Betti Falzun u dina sejjħet l'it-tabib Placido Biasini biex jiccurah u dana kallha li chellu ftit ta'd-DENI u SBROFF. Ũara xi għaxar t-ijiem cura li fihom f'bosta ġranet mar darbtejn cull jum l-omm billi rat il binha magħdur seũũa riedet b'il fors cunsulta u għad li it-Tabib Biasini ma ried bl-ebda mod għaliex kallha li ma għandux ħlief hejm u fsied, gieb l'it-Tabib Ghio biex jiccuntentaha u dana malli daħal tah bħal ferħ ta' genn għaliex ra li dac il ġuvni chien mimli GIDRI u għalhecc malajr ġarr il cullħadd lejn Lazzarett fejn żammeũhom curantina għal żmien tũil u lejn il ġuvni għad li fiek ma nafx ijsalvax għajnejh. Dina il mara Betti, għax chellha tigi il cunsulta u tokgħod f'iċ-ċocon ũarrbet xi ħaġa ta'l ħũejjeġ għand ġara, is-Sanità ħarrchitha għaliex setgħet ixxerred il gidri u frattant it-Tabib Biasini li għal għaxar t-ijiem sħaħ ma ħa l-ebda precaũzjoni sanitarja chif chien ijmissu biex ma timpestax ruħha T'as-Sliema collha m'hux talli is-Sanità ma ħarrchitux iżda gie jixhed f'il caũża u tħallas ! ! ! Dina Betti taħt ġurament iddefendiet ruħha hecc:—Kalet lill Magistrat li it-Tabib Biasini katt ma kallha li binha chellu marda li tittieħed u lankas kallha li ma toħroġx ħũejjeġ. Meta kaltlu li binha magħdur seũũa u trid turih lill Prof: Sammut jeũ l'it-Tabib Meli ma riedx għaliex kallha li chellu SBROFF u hejm u fsied. ORDNALU IS-SILĠ, u l-infafet ta'l ġidri li ma għarafx ried jiccurahom bl-ACIDU BORICU u IT-TERRA li ordnalu. Meta l-omm Betti staksietu hemmx xi pericolu għa't-tfal l-oħra li għandha kallha li le, u ħalliha takla cull lejla il mitraħ minn taħt il marid u trakkad it-tfal l-oħra fuku. Meta l-omm chienet tgħidlu li trid tagħmel is-Sagramenti lil binha għaliex chienet tarah magħdur chien jieħodha bl-aħrax u jgħidilha li collha għageb u li ma chellux ħlief SBROFF TA'L ISVILUPP u ma riedhiex. Kalet li il ħũejjeġ ħarġu f'il ħin li chien hemm it-Tabib Biasini u kabel ma gie it-Tabib Ghiu li kal li binha chellu il gidri. Meta dana kal hecc kalet li it-Tabib Biasini talabha biex tistru, biex tgħid li m'hux tasseũ li chien ilu jarah għaxar t-ijiem sħaħ bosta minnhom darbtejn culljum, iżda li tgħid li dic chienet l-eũũel darba li rah; u biex jiscuża ruħu kallha LI HU CHIEN GĦADU KATT MA RA CAS TA' GIDRI KABEL u għalhecc ma għarfux. Imgħaġġba meta ħaduhom Lazzarett it-Tabib Vella ta' hemm chemm sabbat sakajh u tmasħan meta ra dac il ħrieb collu li sar f'għaxar t-ijiem sħaħ minn dac il ġuvni u meta ralu għajnejh tista tgħid mitlufa. Frattant dac il ġuvni sejjer jibka immancat għal għomru u dic l-imsejcna familja ġarrbet ħafna spejjes għal caũsa u bakgħet bihom, u billi xbejba li chienet tgħin xi faċenda chienet tmur torkod għand ommha u il missier b'il ħanut, u ħbiebhom dieħlin u ħiergin u it-tfal jilagħbu barra ma' tfal oħra chien miraclu cbir jecc Ta's-Sliema u Malta collha ma farux b'il gidri chif chien beda jiġri. U f'loc li taũ lezzjoni lil dana it-Tabib Biasini biex darb'oħra jokgħod jistudja f'loc l'Esperanto il Medicina ħalli meta jigih xi cas imbagħbas jagħraf x'inhu biex ma jkiegħedx f'pericolu bħal dan is-saħħa ta l poplu collu, f'loc igifieri li iccastigaũ chif chien ħakku il min ma għarafx jakdi dmiru chif chien ijmissu, carcru kuddiem il Magistrat il dina il povra mara biex tcun iccastigata u ũeħlet bl-ispejjes ta'd-difensur u l'it-Tabib Biasini ta'l bravura li għamel ħalleũħ sejjer għal rieħu u kallgħuh id-dritt ta'x-xhieda, u okogħdu sguri li ma l-eũũel darba li jieħu il-*leave* it-Tabib Ghio jerġgħu b'ħas-soltu ijsejjħu l'it-Tabib Biasini biex jagħmilha ta' TABIB TA'L GVERN f'locu biex jerħu f'idejh is-saħħa ta'l poplu ta' Ta's-Sliema u jkallgħuh chemxa liri minn fuku.

Il Magistrat Parnis, ta' galantom li hu, illiberaha għaliex ra malajr li il ħtija ma chienetx tagħha iżda ta't-Tabib Biasini u li is-Sanità giebet il dic il mara hemm għaliex mara imsejcna u fkira u ma hix id-Dr: Placido Biasini de' Conti Stagno u x'naf jien. Iżda d'il biċċa hemm bżonn li tigi imkankla seũũa kuddiem il Gvern ħalli min ma jafx jakdi dmiru jokgħod għal frisc fl-Ispiżżerija Demartino u ma jintrigax minn saħħet in-nies b'pericolu hecc cbir għal poplu collu.

---

B'kalbi imfaũũra b'in-nichet u b'għajnejja imgħaũũma f'iddmugħ sejjer inħabbrilcom il meũt ta'l

**Cav: Ninu Muscat-Fenech**

ũieħed m'il aħjar chittieba ta'l malti li katt chellna u poeta m'il aħjar. Għal ħafna snin mexxa il «*Habbar Malti*» b'ħila cbira u dejjem kabeż għall poplu billi chien patriotta sincier sa għarkubu. Fl-Uffiċċju ta'l *Adria*, fejn chien Vici-Conslu, chellhom minnu tesor tant li l-Imperatur ta'l Aũstrija chien għamlu Cavalier għal ħiltu. Chien ħabib għażiż tiegħi u chien ijħobb ħafna in-«Naħla» tant li chien ijħallas żeũġ copji biex jagħmilli il kalb billi chien jaf li din ħarget biex tgħallem u tagħmel gid lill poplu. Chellu 52 sena u bchih b'ir-ragũn cull min chien jafu.

Nitolbu l'Alla għal ruħu u sabar għal l-imniccta familja tiegħu; u nitma li ma indumx, b'il għajnuna ta' ħbiebu, incun nista nitchellem aħjar u actar f'it-tul minnu, chif jistħokklu, bħala ũieħed m'il aħjar ħbieb ta'l Malti li chellna, għaliex Malta tilfet fih ũieħed m'il aħjar uliedha.

*R. I. P.*

---

GĦAL OTTUBRU LI GEJ
CULL NHAR TA' HADD
RECITI BIL MALTI
MIL CUMPANNIJA MALTIJA
L-INDIPENDENZA
FIT-
TEATRU MANOEL
L-EŨŨEL RECITA
IL HADD
9 TA' OTTUBRU
Fit-8 u nofs ta' filghaxija.

# ID-DENI M'IL MOGĦZA.

Il famus tabib ingliż Dr: Hadwen, li kiegħed b'tant ħrara jakbeż għalina fi-Inghilterra biex jipprova li id-deni tagħna hu gejj m'id-Drenaġġ u m'hux m'il mogħża bagħatli daŭna l-articoli li jiena sejjer ingib bil kalb collha ħalli incunu nistgħu inxerrduhom fost l-Ingliżi ta' haŭn collha biex daŭna jneħħu minn ġo moħħhom daŭc il flieles coroħ li daħħlitilhom f'rashom il għarfa Sanità tagħna biex kiegħda tekirdilna ŭaħda m'il aħjar industriji tagħna u ħafna familji b'il ġuħ..

---

## Goats and Malta Fever

TO THE EDITOR OF «NATURE.»

SIR,—I notice in your issue of June 16 a leader on the above subject which urges the desirability of Members of Parliament becoming familiar with scientific facts concerned in the questions they ask. May I say, as one who has studied this question somewhat closely, that Mr. Chancellor was perfectly familiar with his subject, and that the carefully planned reply he received through the Under Secretary of State for the Colonies fully bore out the truth of the inferences contained in his interrogatory?

Allow me to present the following facts:—

1. The goats whose milk is alleged to contain the *micrococcus melitensis* are perfectly healthy; to say, therefore, that they "suffer from the disease" is absurd.

2. It was owing to the presence of this micro-organism in the milk that the goats sent to America were slaughtered; there is no evidence whatever that the goats were "infected" or that they had anything the matter with them.

3. There was no epidemic of Malta fever "on board the vessel which carried them." Only five persons out of ninety were even suspected of the fever, on the evidence of a very fallacious bacteriological test applied after their recovery. The clinical evidence obtainable is against the assumption of Malta fever. Sir David Bruce has given a wildly exaggerated and distorted account of this voyage, one of his serious inaccuracies being the description of *two* cargo boats (one going from Malta to Antwerp, and the other—on board which no sickness occurred—from Antwerp to New York) as *one*.

4. It is not correct to say that "the Mediterranean Fever Commission sent out in 1904-5-6 to investigate the disease proved up to the hilt that Malta fever is milk-borne." They confessed after two years of laboratory work that this assertion had not been proved in regard to man. They rely entirely upon the above fictitious story of the American cargo boat for their evidence.

5. The woman in the quarantine station who is said to have "become infected" contracted fever three months after the goats had been landed in America, during which time she had been drinking bacteriologically pure milk—the "infected" goats having been destroyed. Of the scores of others who drank the milk both in America and in Antwerp, as well as on board the *S. Andrew*, no case of illness can be traced. Sir David Bruce has actually tried to gain a point for his theory by asserting of the owner of the goats— who died of pneumonia, following influenza— that "he disbelieved in the goats' milk, *and he died!*"

6. There is not a shred of scientific or statistical evidence in support of the statement that "the Maltese have been exporting their Malta fever-carrier goats, and spreading the serious human disease far and near."

7. Malta fever declined in the Army as soon as the soldiers were removed from the shockingly insanitary St. Elmo barracks to palatial new quarters on the hillside, During the first six months of 1906, before the goat's milk was prohibited, the number of cases had dropped from 643 to 123—so that the final extinction of the fever was well in sight.

8. Sir David Bruce has stated that Malta fever is contracted "by drinking goat's milk and by that only." Many persons in Malta can testify that they have suffered from this fever, and have never drunk goat's milk in their lives.

9. Likewise thousands of the civil population in Malta can testify to having drunk goat's milk all their lives without contracting Malta fever. Eighteen months ago, when I was in Malta investigating this matter, my daughter and I drank of it freely, and I am prepared to spend my next holiday there and drink daily of the milk of any goat whose secretion has been certified by Dr. Zammit, the public analyst, to contain the so-called *micrococcus melitensis*.

10. It is misleading to state that "the incidence of the disease among the native population is as great as ever." The average attack rate has never been more than 4 per 1,000 of the population, and in the last few years conseguent upon the improved sanitary condition of the Island, it has been reduced fifty per cent—*i.e.*, to 2 per 1,000. The average attack rate in the Army for many years has been ten times greater, and that in the Navy four times greater; whilst "Simple Continued Fever"—the same disease under another name—has been enormously in excess in these two branches of His Majesty's service. Why? My answer is:—The insanitary barracks in the one case, and the pestilential harbour in the other. Malta fever has shown a gradual decline in the Navy from 45·1 per 1,000 in 1897 to 1.32 in 1907; that is, the fever declined in proportion to the cleansing of the sewage depository of centuries. The decline among the military was sudden, owing, as already stated, to the prompt removal of the troops from an insanitary area.

11. I have dealt with the whole of this subject in the course of lengthy articles published in *The Contemporary Review* of August and November, 1909.—I am, Sir, yonr obedient servant.

Gloucester, June 29. WALTER R. HADWEN. M.D.

---

# WHAT IS THE ORIGIN OF "MALTA FEVER"?

BY

**WALTER R. HADWEN, M.D., J.P.**

Colonel Seely, in appointing his new Commission to investigate the origin of "Malta," or, as it should be rightly termed, "Mediterranean Fever," declines to consider any origin other than a bacteriological one; it *must* be due, according to him and his advisers, to the *micrococcus melitensis* conveyed in goats' milk, and the new Commissioners have simply to consider how the healthy goats themselves contracted the microbe. In other words, Where does the microbe come from?

The interesting and conclusive evidence furnished by Dr. P. P. Agius in the article published on "*Malta*"—evidence which coincides with that obtained by myself during my visit to our Mediterranean island fortress—shows conclusively that Mediterranean fever may be contracted in Malta without the goat, and emphasizes the absurdity and inaccuracy of the statement made by Colonel Sir David Bruce that "it had been proved beyond a shadow of a doubt that Malta Fever was caused in Malta by the drinking of goat's milk and by that alone."

I have recently received from another correspondent il Valletta —the chief city of Malta— a most interesting communication giving his own views upon the subject. As a native of Malta, and a gentleman of education and observation, he is in a position to form a judgment upon the subject which has stirred the islands of Malta to their depths, and is creating so much controversy and bitterness of feeling in this country.

My correspondent's letter deals with the question of the spread of Malta fever among the civil population, and does not touch the causes of infection among the military and naval populations, which are due, as I have abundantly proved, to quite different circumstances. He says that thirty years ago Malta was looked upon as a most salubrious resort, for convalescent and strangers came from all parts to the beautiful Mediterranean islands to enjoy their pure air, and fever was little heard of; when a person fell sick the fever lasted only about a month, whereas now it may last eighteen months."

### SEWER GAS.

My correspondent continues: "About the year 1880 the new drainage system was introduced. Dr. Ghio was then the chief Government medical officer, and the system was extended over the cities of Valletta, Floriana, Cospicua, Senglea, and Vittoriosa. Open ventilators were everywhere to be seen, and a foul stench arose from them in all directions, due very largely to the fact that there was not enough water to flush the sewers. Then appeared for the first time a succession of epidemics which went by the name of Dr. Ghio's fever, which affected nearly all the population. Subsequently,

the trees, which were fine and sound, began to get sick and to droop; the fruits, which were renowned all over the world (particularly the oranges) for their fine taste, instead of being very abundant become scarce, bad, and full of worms; then the lark, which used to rise high up in the early morning to sing her sweet melodies, left our shores."

The writer asks: "Why should not the goat become affected as men, trees, and all other beings are? But," he adds, "if the goat *is* affected, the cause is to be found in the bad drainage system. About eight years ago inlets were made at each house communication. These inlets consisted in a hole close to the door of each house communicating with the sewers which proved to be a real nuisance both to the inhabitants and the passers-by. Many of the inhabitants closed these inlets with mortar and stones without the sanitary authority taking any steps against them, although it is a violation of the law—a fact which goes to show that they know the system is wrong and they dare not interfere."

Referring fo Colonel Sir David Bruce, he says:

"He concluded his investigation on the assertion of persons whose whole interest is to conceal the real cause of the trouble, as they will not admit the faults of their predecessors, nor their own, for having continued to drain the island upon such a bad system."

And yet Colonel Seely, the Under-Secretary of State for the Colonies, absolutely refuses to grant permission to the new Commission to investigate these important questions of sanitation! What with the Colonial Department, the Local Government Board, the Foreign Office, and the House Office all under the thumb of the germ-faddists, and the responsible Ministers of each Department placing themselves body and soul in their hands, one begins to lose hope in the much-talked-of progressiveness and independence of Liberalism.

### Dr. Agius Corroborates.

In the *Risorgimento* of September 1, the editor, Dr. P. P. Agius, contributes a striking article in which he further corroborates the above conclusions. In the course of it he says: "We take this opportunity to draw attention to another proof against such theory which might be added to the thousand and one mentioned by us, and which has been brought to our notice by the son of one of our most popular practitioners, who was the doctor of St. Ignatus' College for many years. Some years ago an epidemic of Mediterranean Fever broke out among the Jesuits of St. Ignatius College at St. Julian's. Fourteen were stricken down with fever. No goat's milk was used—only cow's, and the cows are fed on forage and never partake of goat's milk. Only two or three of the pupils or *convittori* were attacket by the fever, though they numbered over ninety and the Jesuits were only about twenty in number. In searching for the cause it was found out that the Jesuits used to go daily in the evening to say their 'Ufficio' on the roof of the college, which bristled with shafts and ventilators from the drains and which was inaccessible to students.

"Besides this, the Jesuits used to live in the old part of the huge building, while the students dwelt in the *new* premises, a fact which recalls to our mind a similar one on which the attention of impartial and *unbiased* scientists was rivived by Dr. Hadwen when he spoke about St. Elmo's old and insanitary quarters, known by the Maltese name (and a very descriptive one, too) of *el hofra* or St. Jermu *ta isfel*. . . . The goatists say the Army and Navy do not use goat's milk and do not get Malta Fever; but this means nothing, for Mediterranean Fever has almost disappeared as well during this lull from among the civil population. And never was goat's milk used on such a vast and general scale among the population as now; in fact, the great quantities of milk that used to be turned into cheese for exportation are now being used by the population as a beverage and sold much more cheaply and in greater quantities for the same price, since by an Irade of the Sultan such cheese is no more admitted into Turkish ports (whereto it used to be chiefly exported) owing to the baneful and sinister influence of the goatists' theory, which has done so much harm to the best interests of Malta and the Maltese and to the first and foremost industry."

We feel assured that our stalwart friend, Mr. H. G. Chancellor, M.P. and other Members of Parliament who have so ably contributed to this controversy will not allow this scandal of the Colonial Office to remain uncriticised. THE GENERAL PUBLIC OUGHT TO BESTIR THEMSELVES UPON A MATTER WHICH SPEEDS RUIN AMONG ONE OP OUR COLONIES AT THE BEHEST OF A RIDICULOUS MEDICAL FAD.

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Il Grieghi għad li chienu jieclu darba biss chienu l-actar nies imfaħħra ta' żmienijiethom m'hux biss għal ħila f'il gùerer iżda għal għerf cbir tagħhom ucoll billi taù l'id-dinja l-akùa filosofi u l-acbar artisti bħal Aristotili, Fidja, Prassiteli, Soloni, u tant oħrajn. Ħadd għadu m'il ġnus li jieclu ħafna ma ta nies akùa jeù egħref minn tagħhom. In-nisa tagħhom ucoll, għad li chienu jieclu darba biss cull jum, chienu imfaħħrin għal ġmielhom u għal għerfhom u fl-istorja għadhom imsemmija sa'l-lum in-nisa Spartani u l-*eteri*. Atu dakka ta' għajn lejn l-Indjani li minnhom l-Eùropa redgħet cull għerf u taraù li ma jieclux ħlief ftit ross imgħolli u ftit ħxejjex billi ma jistgħux scond ir-reliġjon tagħhom jieclu katt laħam; ħarsu ftit lejn iċ-Cinisi li dac collu tista tgħid li nafu aħna il-lum chienu jafuh huma kbilna elul ta' snin ilu; ħarsu lejn il Ġappuniżi li chellhom ħila fi gùerra kalila jatu dic id-dakka ta' ħarta hecc kaùùija l'ir-Russja u li huma tant miexjin il kuddiem f'cull għerf u f'cull sengħa, x'jieclu daùna? Xejn ħlief ftit ross u ħxejjex. Mela biex tgħix, u tcun tifla ħ u tcun għaref ma hemmx bżonn li tiecol ħafna u lankas hemm bżonn ta'l *beefsteak* u ta'l perżut. Atu dakka ta' għajn lejn l-annimali u taraù il bakra li trid iżżomm gisem bħal dac m'hux biss u taħrat għalka iżda tatina ucoll tant ħalib bnin biex aħna insostnu ruħna bih. Biex ijgħixu il bakra, u il ghendus, u il mogħza? Bi ftit ful, xgħir jeù ħxejjex oħra. U iż-żiemel li tant jiflaħ? l-istess. Mela biex gisem ijgħix u jcattar saħħtu la hemm ħtieġa li jiecol ùisk u lankas li jintela b'is-sustanzi. Dana ippruvaùh il-lum ħafna nies li katgħu m'il ichel tagħhom il-laħam għal collox u li ma jgħixux ħlief fuk il ħxejjex, il frottijiet, il ħalib u xi bajda. Daùna jsejjħulhom *vegetarjani* u minnhom f'pajjisi oħra hemm gozz, gozz u fosthom ħafna m'il egħref tobba li saħansitra inħolku għalihom ir-*restorants vegetariani* fejn laħam ta'l maktul ma jidħol katt. U frattant daùna jgħixu u jaħdmu u jirnexxu u jimxu il kuddiem bħal dauc li jieclu il *beefsteak* jecc m'hux actar. Mela jecc inti tasseù trid tgħix ħajja tùila u b'saħħtec nakkas ħafna m'il ichel li bih kiegħed ta' cull jum tinbolma ruħec. CUL DARBA BISS, F'NOFS INHAR U F'DIN L-ICLA LA IDDAHHALX LAHAM IŻDA BISS HXEJJEX, FROTTIJIET, HALIB, BUTIR, ZOCCOR U BAJD, biex tara chif tmur ħafna aħjar. B'NEFKA TA' SITT SOLDI CULLJUM TISTA TGHIX TAJJEB U B'SAHHITHA L-AKÙA MARA meta taf chif għandha tonfokhom u chif għad infehimcom jien actar il kuddiem. MELA FAMILJA TA' RAGEL U MARA U ŻEÙĠ TITFAL META TONFOK SCUD CULL JUM GHAL HAJJA TCUN NEFKET B'IŻ-ŻEJJED.

Xejn la tidħku għax għidtilcom li META GHAL L-ICHEL ÙIEHED JONFOK SITT SOLDI CULL RAS, CULL JUM, HU B'IŻ-ŻEJJED u biex nuricom li ma għidt xejn barra minn locu sejjra infehimcom ftit dan chif jista jcun. Biss biex tcunu tistgħu tifhmuni seùùa hemm bżonn li kabel infehimcom ftit x'valur fihom xi iclijiet biex tcunu tafu chif tużaù ħaga ta'l ichel f'loc oħra u fl-istess ħin tcunu lill gisem kiegħdin tatuh l-istess sustanza. Nieħdu per esempju il GHATZ li ftit haùn min ijdaħħlu fl-ichel. Tatu xejn li dana jsostni pis b'pis daks il-laħam u għalhecc meta tiecol nofs ratal għatz tcun daħħalt fic sustanza biex tgħix daks meta tcun chilt *beefsteak* ta' nofs ratal? Dana ma hux ħolm jeù klajja minn żniedi iżda ħuejjeġ ippruvati m'il aħjar xjenzjati.

(*Jissocta.*)

Lucija Levanzin Inglott.

# IS-SAHHAR FALZUN.

( *Jissocta minn numru ta' kabel* )

XVII.

IL CARNIVAL.

Meta Hamid ŭasal id-dar is-sur Kalamias faccru biex jibda jħejji xi erba xarbitelli biex l-agħda jbeŭŭġu lejn Hal Għaxak fejn, fuk it-tumbata, kabel tidħol ir-raħal u krib fejn illum hemm il Cnisja ta' Santu Cristu, chellu villa żgħira fejn chien cull tant ijmur jitŭarrab għal ftit ġranet m'il għagħa ta'l ħajja. Chien il Giovedigrass u il ħmerijiet ta'n-nies jitbagħirdu ma't-torok dejjkuh billi kalbu chienet għada imfaŭŭra b'in-nichet ta' dac collu li ġara, u ma telakx dac inhar stess għaliex l-agħda chellu jmur jarah Mons: Antonju Zaħra, Iskof ta' Vicu u ma riedx jonksu billi chien ijkimu ŭisk. Dan chien Dumnican imfaħħar ħafna għal għerfu u li cullħadd chien jixtieku u l-actar il kassisin li jilħak hu Iskof ta' Malta billi Mons: Royas chien jaħkarhom ŭisk u dejjem chien b'it-tleŭŭim ma'l Gran Mastru La Cassiere. Billi l-Iskof Zaħra chellu niesu haŭn u chien ijħobbhom ŭisk chien cull tant jakbeż kabża minn Vicu (krib Napli) u jigi jarahom, u l-aħħar darba li chien ittaŭŭal titŭila chien tliet snin kabel fl-1572, meta gie jŭassal haŭn lil Royas meta sar Iskof chif chien għaddejj minn Napli biex jigi jieħu pussess ta'd-djocesi. Tistgħu taħsbu dana chemm chien ħabib u chemm chien ijgib lil Patri Damjan tagħna u għalhecc l-agħda marru it-tnejn flimchien biex jagħmlu iż-żjara lill ħabibhom Kalamias billi minn mindu tala jokgħod l-Imdina Mons: Zaħra ma chienx jaf fejn mar jokgħod seŭŭa.

Is-Sur Kalamias, għad li chien għadu ma tantx jiflaħ, kam lakgħu f'ras it-taraġ u inxteħet għa'r-rcopptejh ijbuslu idu bi ħrara cbira u b'id-dmugħ ta'l ferħ f'għajnejh. Mons: Zaħra kajjmu minnufih, għannaklu ma' sidru ir-ras bajda kotna li chellu u biesu b'il kalb fuk ġbinu. Is-Sur Kalamias jirtogħod, jirtogħod daħħalhom fl-aħjar camra li chellu u ŭara li ferħ bih ħafna bdeŭ jitħaddtu fuk ħafna griefex, u fost collox ŭaka il cliem fuk il ħbieberija kadima u sħiħa tagħhom.

—«Sur Kalamias» kallu Mons: Zaħra «ilna ħbieb seŭŭa seŭŭ ŭieħed u erbgħin sena, meta cont gejt il Birgu biex nara il Gran Mastru il ġdid Pietru Del Ponte nieżel fl-art meta ŭasal minn Sta: Eufemia ta'l Calabrija fejn chien Balliju. Għadni niftacar seŭŭa li chienu il 10 ta' Novembru ta'l 1534, u għadhom f'ŭidnejja jidŭu l-isparar ta'l canuni u il kanpiena ta'Sant'Anġlu u l-għajat ta'l ferħ ta'l poplu. Dana il Gran Mastru chien raġel minn tagħna ŭisk billi ħara sirt nafu seŭŭa għaliex chellimtu chemm il darba u l-imgiba tiegħu chienet m'il aħjar, u ma satax jonkos billi chien imnissel minn ŭaħda m'il actar familji imfaħħra u antichi ta'l Contea t'Asti f'il Piemonti ta'l Italja. Niftacar ucoll tajjeb li chien laħak ħames t-ijiem seŭŭa ħara il meŭt ta' Lisleadam billi kabel miet talabhom li jagħmlu lilu u li chien mar ħadlu il bxara it-tajjba l-Iskof ta' Malta, Fra Tommasu Bosio, billi f'dic il ħabta il familja ta' dana chienet tchisser platt ma'l Gran Mastri u chienet miġjuba fuk l-idejn minn cullħadd. Del Ponte billi chien cavalier m'ix-xjuħ, għakli ħafna, dritt f'għamilu daks xemgħa, u jebes f'il ħacma tiegħu ma tantx laka b'il ferħa dina il għażla li ŭakgħet fuku għaliex chien jaf x'sejjer jarfa fuk spallejh, u għalhecc xtak jara jistax ijŭarrab minnu dic il ħatra billi kal li ma chienx ħakku li jcun magħżul hu għal dac l-unur collu. Iżda l-Iskof Bosio fehmu li chien hemm ħtieġa cbira ta' bniedem għakli u ta' ħacma sħiħa bħalu biex ijkiegħed collox f'locu f'Malta u għalhecc laka' dic il biċċa xogħol jiebsa. Biss billi, chif għidtilcom, ma tantx sar għal kalbu ma tantx ħaffef biex jigi l-haŭn u ħalla jgħaddu actar minn xaħrejn kabel telak għal Malta u chien actarx ijħalli jgħaddu actar chiecu il Cavalieri ma bagħtux għandu f'il Calabrija lil Cav: Gesville biex ijgħarrfu li Barbarossa chien ħa taħt idejh Tunes u li issa ŭara din actarx jaħbtilhom għal Tripli u għalhecc chien hemm bżonn li ŭieħed ijħejji xi ħaġa biex jilkgħu. Għalhecc gie b'il kalb it-tajjba u għad li chien jaf li ma jistax jibgħat nies b'iż-żejjed biex jilkgħu il kalbieni Barbarossa chemm il darba jaħbat għalihom, bagħat l-aħjar li sata biex ijcun keda dmiru chif ħalef li għandu jagħmel f'il pussess tiegħu. Laħaklu ucoll billi bagħat lil Cav: Ponzju de Leon għand l-Imperatur Carlu Ħamsa ta' Spanja biex ijgħarrfu li Barbarossa ħa Tunes mn'idejn Mulej Assem u li issa actarx ijdaŭŭar għal Tripli, għal Malta u għal l-Italja jecc ma jibgħatx hu ruxxmata nies seŭŭa biex trakkadlu ftit il għalla li chien kajjem b'ir-rebħat tiegħu.»

—«U l-Imperatur chif ħadha ?» staksa is-Sur Kalamias.

—«Carlu Ħamsa» ŭieġbu Mons: Zaħra «billi chien bagħat jitolbu għajnuna Mulej Assem ucoll ra l-eŭŭel satax b'il chelma it-tajjba jraġġa l-ura lil Barbarossa, iżda billi dana bagħat ijŭieġbu ħażin, chiteb lil Del Ponte biex ijħejji ix-xŭieni ħalli flimchien ma' tiegħu u ma' daŭc li chellu jibgħatlu il Papa jmur jaħbat għalih hu stess u jrażżnu chif chien jixrak.»

—«Mur ara chemm feraħ il Gran Mastru !» kabeż kallu Patri Damjan.

—«Bla tarf» ŭieġbu Mons. Zaħra «u għalhecc ħejja ix-xŭieni m'il aħjar li sata biex ijmorru jiltakgħu ma'l oħrajn f'il Port ta' Cagliari, f'Sardinja, f'Mejju ta'l 1535. Del Ponte bagħatlu il Carracca il ġdida (Sta. Anna b'50 canun), erba xŭieni u tmintax il galjotta taħt it-triegija ta'l Commendatur Bottigella, u ħafna nies biex jinżlu jitkatlu fl-art taħt il ħacma ta'l Cavalier De Grolea.»

—«U il Maltin indaħlu xejn f'dina il maŭra ?» staksa is-Sur Kalamias.

—«Halli għalihom» ŭieġbu Mons: Zaħra «għa'r-rambaġġ dejjem issibhom minn ta' l-eŭŭel katta. Jecc niftacar tajjeb chien hemm fuk l-elfejn malti magħhom.» *

—«U Barbarassa x'sar minnu ?» raġa staksa is-Sur Kalamias.

—«Issa ingħidlec» kallu Mons: Zaħra.« F'Ġunju ta'l istess sena il flotta ingabret collha u laħħket tliet mitt kala u erbgħin elf suldat, u bihom telket lejn l-Affrica fejn niżżlet in-nies l-art ftit bogħod m'il Guletta ta' Tunes. L-eŭŭel ma ħabtu chien għa't-torri ta' hemm li chien imħares minn xi sitt t-elef suldat torc, u il Cavalieri b'il ħila tagħhom giebuha minnufih żeŭġ billi rebħuh. In-nies ta' forti ŭakgħu collha irsiera u irħeŭ f'idejn l-Insara id-disgħin xini li chellhom miġbura f'il port ta' hemm billi chienu krib ta't-tarznar cbir fejn chienu jisseŭŭeŭ. Malli għamlu dina ir-rebħa tant sabiħa l-Insara kaŭŭeŭ klubhom daks ta' sur u telku lejn Tunes biex jaħbtu għal Barbarossa stess li b'il cotra ta'n-nies tiegħu chien kiegħed jistennihom hemm. Iżda tistgħu taħsbu chemm għiddem idejh u b-liema killa tmaħsar meta ra l-is-suldati tiegħu jaħirbu collha katta bla ħabel malli raŭ ijfeġġu il kalbiena Insara. U tant saħan li ordna biex joktlu il għoxrin elf irsir nisrani li chien hemm makfula geŭŭa il ħitan ta'l belt.»

—« U katilhom ? » staksa bħal miblugħ is-Sur Kalamias.

—« Le » ŭieġbu minnufih Mons: Zaħra. « M'hux għax nakas m'ir-rieda tiegħu iżda f'ħajjet il ħila ta'l kalbieni Paŭlu Simeoni.»

—« Niftacar fih seŭŭa » kabeż kal Patri Damjan.

( *Jissocta.* )

---

* **Vassallo**-*Storia*.

# AKRAU

L-EUUEL TAKSIMA

TA'R-ROMANZ MALTI ORIGINALI

# "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX JOGHG'OBCOM SGUR.

---

**FLUS! FLUS! FLUS!**

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

**SNIEN! SNIEN! SNIEN!**

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

---

Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




C. CAMILLERI & SONS

50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfahhar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta', ginecologija u ta'l għajnejn, b'heffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullhadd hareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeũ ijcollu il mard ta'l hagra, jeũ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fũied, ta'l clieũi u mardijiet ohrajn, l-isbah li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u jonfok ftit.

---

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caũba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

## BRITANNIA

---

## L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx johroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqũida) sab chif minn dina l-arja liqũida johroġ l-

### OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il haġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' htiega.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu hlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji ohra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat hafna.

# Is=Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' hġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, hũejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tũiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daũl kaũũi u sabih ũisk u hafna hũejjeġ ohra bhal daũn ta'l ahjar qũalità u bi prezzijiet m'il orhos. Ippruvaũ biex taraũ chif tohorġu cuntenti sgur.

---

## INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-ahhar billi sabu haġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u tahbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaũ ix-xogħol u l-għeric**

### UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaũ is-sapun għaliex tahlu ftit**

### UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma thallsux hassiela u ma tahlux hafna żmien**

### UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

---

Min hu marid bi-ANEMIJA (jakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

## TA' S. VINGENS DE PAOLI



Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũh fukhom stess jeũ fuk xi hadd iehor u hargu jiftahru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u hafna ohrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjah is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haũn hadd li ma hux mahsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

### NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-ahjar tobba kiegħdin jithabtu biex ijsibu cura seũũa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaũ iżda hadd ma irnexxa daks il għaref u imfahhar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ũara studju cbir sab il famus**

### ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeũ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŨH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

---

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.